**Laqgħa Numru 49**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**1 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-16.41 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 49.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

49.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoġija.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 48 u l-laqgħa b'urġenza Nru 50 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rispetivament.

## 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.3.1Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill fuq il-proġett tal-Playingfield tal-Ħamrija fejn kien imiss li jibda l-proċess finali ta' dan il-proġett. Is-Sindku wera l-kuluri tar-rubble flooring lill-membri tal-Kunsill preżenti.

49.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill fuq il-ġibja tal-Barmil fejn il-kuntrattur responsabli mix-xogħol tal-bankini u belvedere kien provda l-stima lill-Ministeru t'Għawdex. Il-Kunsill kien qed jiġi mitlub li jħallas nofs l-ispiża min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex li kienu responsabli mill-proġett tal-embellishment. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan. Is-sindku kellu jinforma lill-Ministeru t'Għawdex l-għada stess.

*16.45 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra.*

49.3.2 Is-Sindku ppreżenta s-surveys tal-isqaqin ta' Triq Id-Dejqa u biċċa minnTriq Ċappelli u Triq L-Għammiedi ppreparati mill-Perit Muscat. Il-Kunsiller Zerafa talab li jiġi kkonsidrat materjal addat għall-sqaqin li għandhom tendenza li jkunu dellijin u jrabbu l-ħass. Is-Sindku spjega li diffiċli tikkontrolla l-ħass peress li l-isqaqin għandhom tendenza li jkunu dellijin waqt li l-perit indika li l-porfido hu materjal adattat ħafna għall-isqaqin.

49.3. 3 Is-Sindku spjega li kien tkellem mas-supplier tas-CCTVs fejn dan kien qallu li biex isiru fil-pjazza jridu jsir pole erba' piedi fuq il-latrini. Il-Kunsill iddiskutta li dan joħloq kruh bla bżonn fil-pjazza. Il-Kunsill idiskutta l-bżonn tas-CCTVs minħabba żieda ta' serq u qabel li għandu jinstab post alternattiv fejn jistgħu jsiru minflok fuq il-latrina.

49.3.4 Is-Sindku wera r-renders ta' Ġnien Castelvenere kif ppreparati mill-Inġinier Grima fejn ta idea ċara ta kif se jiddawwal dan il-ġnient. Dawn intgħoġbu mill-membri tal-Kunsill.

*17:02 Il-laqgħa ġiet issospenduta hekk kif fil-kamra daħlu s-Sur Michael Bugeja u s-Sur Franklin Farrugia mill-għaqda tan-nar.*

*17:34 Il-laqgħa tkompliet*

49.3.5 Il-Kunsill qabel unanimament li jikkolaborra fl-ispejjeż involuti man-nar tal-festa ta' San Ġwann billi jħallas sa €4,640 spejjeż involuti.

49.3.6 Is-Sindku kkomunika li kien irċieva l-istima mill-kuntrattur li kien ħadem fuq il-pjazza fejn l-istima kienet ta' €7,900. Is-Sindku spjega li din l-spiża kienet għolja ħafna u għaldaqstant kien għadda l-istima lill-perit tal-Kunsill biex jivverifikka jekk hemmx bżonn din l-istima

kollha. Il-Kunsill qabel li jekk possibli din il-manitenzjoni għandha ssir mill-ħaddiema tagħna.

49.3.7 Is-Sindku kkomunikka l-aħħar dettalji tal-Press Conference tal-Launch School Grannies li kienet skedata għall-Gimgħa 3 ta' Marzu 2023.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrefferiet għat-talba mill-Għaqda tal-Armar fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Karnival tax-Xewkija fejn stqarret li wieħed għandu jikkonsidra li t-talba waslet wara l-avveniment. Is-Sindku spjega li dawn kienu semgħu li Kunsill partikolari kien qed jeġevola l-għaqdiet tar-raħal. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li l-ħlas ikun ta €350.

49.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa fuq is-sitwazzjoni tal-ilma f'Tal-Ħorob. Is-Sindku spjega li minn hemm għaddejjin il-high tensions u ma jistax isiru sumpijiet kif kien diskuss fil-passat minħabba fihom. Is-Sindku spjega li fl-24 ta' Marzu 2023 il-Kunsill kellu seduta l-qorti. Skond il-Periti responsabli fuq dan ix-xogħol l-unika sitwazzjoni tkun li jinbena l-ħajt u jsir culvert mal-ħajt.

49.4.3 Il-Viċi Sindku talab li ssir manitenzjoni fuq il-latrina tal-pjazza u esiġa l-importanza li kultant żmien isir manitenzjoni fuq kollox. Il-Kunsill qabel li kellna naraw nistgħux naħdmu bil-ħaddiema tagħna. Il-Kunsill iddiskutta l-bżonn li jsir il-liquid membrane fuq il-bejt tal-Kunsill. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill.

49.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni biex isir iż-żbir fuq is-siġar tat-tut f'Tal-Barmil. Is-Sindku spjega li ż-żbir kien sar il-ġurnata ta' qabel.

49.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lil Viċi Sindku responsabli mill-kultura fuq jekk kienx qed jaħseb fuq xi safra għas-sajf anke peress li kien hemm xi residenti li avviċinawha. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li din tiġi ppjanata safra wara l-Vitorja. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq dan.

49.4.6 Is-Segretarju staqsiet rigward liema avvenimenti il-Kunsill kien beħsiebu jtella' fix-xhur tas-sajf. Is-Segretarju spjegat li mill-Kumitat Ċentrali diġa' kienu bdew il-preparamenti għal-Levat li kien pjanat fil-bidu ta' Settembru. B'referenza għall-Evviva Wine Festival, is-Segretarju kkomunikat li min-naħa tal-Ministeru kienu kkonferma li mhux se jkunu qed jagħtu fondi għal dan l-avveniment peress li dan mhux qed jattirra nies u qed ikun batut ħafna. Is-Sindku rrimarka li Għawdex ma jiflaħx għal ħafna wine festivala peress li limitati ħafna. Il-Kunsill iddiskutta u ġie maqbul li l-Viċi Sindku javviċina lil Vini e Capricci biex jara jekk humiex interessati li jtellgħu dan l-avveniment huma kif jixtiequ. Il-Kunsill iddiskutta li Fiori D'Argenta għandu jittella' fuq jumejn, it-Tnejn 28 u t-Tlieta 29 t'Awwissu 2023. It-Tnejn kellha titella' serata t'għana fil-pjazza biex anke tal-kumitati jkunu jistgħu jarmaw kif irridu.

## 49.5 STEM Project

49.5.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li f'din l-iskema il-Kunsill seta' jiggwadanja sa €8,000 billi jtella' avvenimenti marbuta ma' STEM. Il-Kunsilliera Attard ssuġġerriet li l-Kunsill japlikka biex isiru numru attivitajiet fil-Ġnien ta' Blankas. Il-Kunsill ried isib NGO li tidħol partner u anke jinvolvi professjonist bħall-inġinier biex issir l-applikazzjoni għal dan il-proġett. Ġie diskuss fuq xiex wieħed seta' japlikka bħal sand pit u strutturi ta' jżiedu l-stabilita' per eżempju. Il-Kunsill qabell li l-Kunsilliera Jeanelle Attard kellha tavviċina l-Inġinier Rapa biex tara jekk hix interessata biex tgħinna biex naplikkaw f'dan il-proġett

**49.6 Rapport ta' kull kwart**

49.6.1 Ir-Rapport ta' kull kwart għall-aħħar kwart tas-sena 2022 kienu tbagħtu mal-minuti qabel il-laqgħah. Ma kienx hemm domandi mill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant dawn ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv rispettivament.

**49.7 Korrispondenza u Ilment**

49.7.1 03/02/2023 Cir AKL 2023/011_Sustainable Urban Mobility Plans for Malta and Gozo Meeting 17/03/2023.

49.7.2 07/02/2023 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar il-prinjolata tal-Karnival.

49.7.3 07/02/2023 Avviż ta' infurzar fi Triq Dun Grezz mill-PA.

49.7.4 07/02/2023 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera fuq traffic management propost minn TM.

49.7.5 08/02/2023 Donazzjonijiet għall-vittmi tat-terremot – Appell mill-AKL u ANSEK.

49.7.6 12/02/2023 Korrispondenza fuq il-laqgħa skedata mill-Assoċċjazzjoni Rotunda fl-1 ta' Marzu fis-7.00p.m..

49.7.8 14/03/2023 Cirkulari 3 tal-2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permessi mill-Kunsilli Lokali – sistema t'applikazzjoni fast track.

49.7.9 15/03/2023 Korrispondenza mingħand Ms Marica Anna Farrugia dwar għannejja fl-irħula.

49.7.10 20/03/2023 Korrispondenza mingħand il-Victoria Scouts Group fuq permess biex jużaw Ta' Blankas għall-attivitali ser jorganizzaw fl-4 ta' Marzu, 2024.

49.7.11 22/03/2023 Event as Fundraising for ALS Malta on Monday 13th March 2023.

49.7.12 22/03/2023 Cir AKL 2023/019_Communication from EneMalta – Street Lightning Demarcation Boxes.

49.7.13 22/02/2023 Cir AKL 2023/018_Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-'Earth Hour' 2023.

49.7.14 23/02/2023 Korrispondenza mill-Għaqda Armar Xewkija għall-aktar għajnuna tal-parteċipazzjoni tal-Karnival.

49.7.15 23/02/2023 Aġenda Nru 49 Laqgħa tal-Kunsill l-Erbgħa 1 ta' Marzu, 2023.

49.7.16 23/02/2023 Aġenda Nru 50 laqgħa b'urġenza il-Ġimgħa 24 ta' Frar, 2023.

49.7.17 27/02/2023 Lauch of School Grannies – Friday 3 March, 2023.

49.7.18 Ilmenti minn diversi residenti biex tinfetaħ mill-ġdid il-Berġa fix-Xewkija u biex fl-Immunisation Clinic it-tabib li jkun hemm jagħti servizz lir-residenti li jiġu fil-bżonn is-servizz tat-tabib. Il-Kunsill iddiskutta li s-servizz tat-tabib għandu jibda peress li fil-berġa tax-Xewkija diġa' qed ikun hemm tabib fl-Immunisation Clinic. Is-Sindku spjega li saret laqgħa mas-Sindku minħabba li l-bereġ fil-lokalitajiet kollha jinsabu magħluqa. Il-Kunsill qabel li jintbagħat imejl lill-Primary Health fejn nitolbu b'mod uffiċjali li tal-inqas it-tabib li jkun hemm fl-Immunisation Clinic ikun jista' jara pazjenti li jkollhom bżonn.

49.7.19 Talba biex ikun nappy changer fit-toilet f'Ta' Blankas. Il-Kunsill qabel li din isir.

49.7.20 Talba biex jiżdied id-dawl li jagħti fil-pitch tal-boċċi fi Triq Il-Ħamrija. Is-Sindku spjega li dan ir-riżultat minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin

49.7.21 Talba biex isir toilet paper holder magħluq biex ma jkunx jista jsir xi abbuż fit-toilets ta' Ġnien il-Ħaddiem.

49.7.22 Talba biex tittranġa Triq tal-Ħorob għax qed iżomm l-ilma. Din il-materja ġiet diskussha f'punt 49.4.2

49.7.23 Talba mill-Arċipriet għall-floodlights għal tul il-pageant tad-Duluri minħabba li hemmpartijiet li huma mudlama. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiċċekja mal-Arċipriet fejn qed jitlob il-floodlights hekk kif dawn iridu jeħlu ma' residenti privati.

## 49.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

49.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 49.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

49.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.50pm u ġiet aġġornata sine die.

Konfermati, illum ____**1 ta' Marzu 2023**__________________

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |